# L-Istatwa Titulari ta' Ħal Tarxien

*Tagħrif miġbur mis-Sur Joseph Farrugia*



Matul is-seklu 19 mill-Parroċċa ta' Ħal Tarxien kienu joħorġu erba' purċissjonijiet Marjani. Dawn il-purċissjonijiet kienu tal-Lunzjata li hi l-festa titulari ta' dan ir-raħal, tal-Kunċizzjoni, taċ-Ċintura u tar-Rużarju. F'dak iż-żmien fil-purċissjonijiet kienu joħorġu bi statwa waħda, dik tar-Rużarju. Din hi dik l-istatwa li il-lum tinsab fin-niċċa int u dieħel fil-Knisja Parrokkjali. Din l-istatwa hi ta' l-injam u kienet diġa' teżisti fiż-żjara ta' l-Isqof Cocco Palmier fl-1699. Sirna nafu li Gio Mario Saliba għamel din l-istatwa fl-1698. Forsi kienet mogħtija minn xi membru jew membri tal-Fratellanza tar-Rużarju. Din hi statwa li tixbaħ ħafna dik ta' Melchiore Gafà li tinsab fil-Knisja tad-Dunmikani fir-Rabat (Malta). Id-differenza hi l-istatwa Tarxiniża hi aktar goffa minn dik Rabtija.

Għaliex Ħal Tarxien introduċa statwa titulari? Kien hemm ħafna fatturi li ġiegħlu li dan ir-raħal ikollu statwa titulari. L-ewwel ħaġa l-parroċċi madwar dan ir-raħal daħħlu (Ħal Għaxaq, Ħaż Żabbar, iż-Żejtun) statwi titulari. Meta t-Tarxiniżi kienu jmorru għal dawn il-festi f'dawk l-irħula kienu jaraw dawn l-istatwi li biż-żmien saru l-attrazzjoni ewlenija tal-festa. Barra minn hekk, il-poplu Tarxiniż kellu statwa tal-Fratellanza iżda ma kellux statwa tal-festa titulari. Hu tassew li l-istatwa tar-Rużarju hi tajba għall-festa tal-Lunzjata, iżda din l-istatwa ma tirrapreżentax biss l-ewwel misteru tal-Ferħ, iżda l-misteri kollha. B'hekk inħoloq il-bżonn ta' statwa titulari.

Wara li għaddiet il-pesta tal-1813, it-Tarxiniżi setgħu jordnaw statwa tal-Lunzjata. L-artist magħżul kien Xandru Farrugia. Għaliex l-għażla waqgħet fuq dan l-artist Żejtuni? Xandru diġà kien wera l-ħila tiegħu fil-qasam ta' l-iskultura. Kien għamel statwa tal-Madonna tar-Rużarju għal Ħal Għaxaq (1823). Xandru Farrugia kien student attiv, tal-magħruf Marjanu Gerada (1766 - 1823). Dan Gerada kien sar figura leġġendarja fil-qasam ta' l-istatwi. Statwi bħal Santa Marija ta' Ħal Għaxaq, il-Madonna tal-Grazzja ta' Ħaż Żabbar, Santa Katerina taż-Żurrieq kienu saru statwi magħrufa u apprezzati minn kulħadd. Barra minn hekk Xandru Farrugia kien Żejtuni, jiġifieri wieħed li joqgħod ftit mili 'l bogħod minn Ħal Tarxien. Jekk ikun hemm xi diffikultajiet wieħed jista' jiddiskutihom bla ma jagħmel ħafna mili bla bżonn.

Kien hemm diversi stejjer dwar l-istatwa titulari Tarxiniża. Ix-xjuħ kienu jgħidu li l-artist l-ewwel poġġa l-figura tal-Madonna fuq ix-xellug u l-

anġlu fuq il-lemin, kif kien għamel fl-1802 Sigismondo Dimech meta ħoloq l-istatwa tal-ġebel tal-Lunzjata li hemm fuq iż-żuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' Ħal Balzan. It-Tarxiniżi ma tantx għoġbithom din il-pożizzjoni u għalhekk l-artist ħoloq mudell ieħor bil-figura tal-Madonna fuq il-lemin u l-anġlu fuq ix-xellug.

Hemm il-possibilità wkoll li ħadem il-figura tal-Madonna u wara daħħal l-anġlu fin-nofs. Għaliex? Kieku l-artist kellu f'moħħu l-figura ta' l-anġlu wkoll kien jaħseb għaliha fil-bidu nett, kif kien għamel Salvatore Dimech meta ħadem l-istatwa titulari ta' Ħal Balzan fl-1868. Milli jidher hu għamel figura ta' anġlu li kien xi ftit żgħir meta jitqabbel mal-figura tal-Madonna. Tant li dan l-anġlu spiċċa mal-figura ta' l-Ort, waħda mill-vari tal-passjoni li hemm fiż-Żejtun. Skond Walter Zahra kittieb Żejtuni lanqas laħqu warrbuh it-Tarxiniżi lil dan l-anġlu li ma ħaduhx iż-Żwieten biex jużawh huma.

Id-daqs ta' l-anġlu ta' l-istatwa ta' llum hu ikbar mill-figura ta' l-anġlu li hemm fl-istatwa Żejtunija ta' l-Ort iżda xorta waħda hu figura xi ftit żgħira meta jitqabbel mal-figura marjana li hi għarkubtejha. Wieħed irid jiftakar li l-anġlu tal-Lunzjata jinsab fuq sħaba. Iżda wieħed ma jista' jgħid xejn għall-istil tiegħu. Dan għandu moviment qawwi u mimli ħajja. Il-ħarsa tiegħu hi lejn il-Madonna. B'id waħda qed isellem lill-Madonna u f'id l-oħra qed iżomm is-simbolu tiegħu - il-ġilju. Tassew statwa stupenda. Hemm kuntrast qawwi bejn is-serenità tal-Madonna u l-moviment ta' l-anġlu.

L-istatwa tal-Lunzjata hi statwa importanti fl-istorja ta' l-iskultura Maltija, għax kienet l-ewwel statwa titulari li kellha żewġ figuri u hi skultura oriġinali, ma kienx hawn statwa oħra bħalha qabilha u għalhekk l-iskultur ma setax jikkopja fuq statwa oħra.

L-istatwa fiha żewġ figuri: fuq il-lemin hemm il-figura Marjana. Il-Madonna tinsab għarkubtejha. Hemm liwja fil-figura tal-Madonna li tiżdied permezz tar-ras li tinsab tħares 'l isfel biex turi kemm kienet umli l-Madonna u li aċċettat ir-rieda t'Alla. B'id waħda qed isserraħ fuq il-ginokkjatur li sar fl-1885 u l-id l-oħra tinsab fuq sidirha. Il-paneġġi huma realistiċi għall-aħħar.

Il-Kavallier Rafel Bonnici Cali' jgħid li l-Lunzjata hi "... l-aħjar xogħol ta' Alessandro Farrugia li għamel f'ħajtu". In-Nutar Eugene F. Montanaro jgħid l-istess ħaġa: l-istatwa ta' l-injam tal-Lunzjata, il-vara titulari ta' Ħal Tarxien, dejjem tingħadd fost l-aħjar xogħlijiet ta' Alessandro Farrugia u l-mibki Kelinu Cachia ħalla miktub li din l-istatwa issaħħar bi ġmielha.

Skond il-kittieb E. B. Vella l-kuntratt bejn it-Tarxiniżi u l-artist sar fl-1827 quddiem in-Nutar Feliciano Giardina. In-Nutar E. Montanaro jgħid li l-kuntratt ma setax sar quddiem in-Nutar għaliex Feliciano Giardina beda jeżerċità l-professjoni tiegħu fl-1831. Jekk tassew il-kuntratt seħħ fl-1827 dan ifisser li l-istatwa damet tinħadem sentejn għaliex l-istatwa ħaduha fuq l-ispallejn lejn Ħal Tarxien, fil-jum tal-Hadd. Li kien ġie qabel il-festa tal-25 ta' Marzu tal-1829. Ġie mbierka mill-Kappillan Dun Pietru Pawl Camilleri li flimkien mal-qassis Dun Franġisk Penza ħadmu biex Ħal Tarxien ukoll ikollu statwa titulari.

L-istatwa tal-Lunzjata rat tibdila fl-1885. Skond PP Castagna din saret mill-Belti Mastru Pawlu Bugeja. Dan ix-xogħol sar taħt it-tmexxija tal-pittur Giuseppe Cali' Iżda mhux kull ħaġa li ried Cali' seħħet. Giuseppe Cali' ried li bejn il-figuri tal-Madonna u ta' l-anġlu titpoġġa raġġiera li jkun fiha l-figura tal-ħamiema - is-simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu. Iżda billi din kienet tqum ħafna flus tħalliet barra biex il-flus imorru għall-pedestall u għall-bradella, kif ukoll għall-minjaturi li hemm fuq il-pedestall.

Billi Pawlu Bugeja għamel wiċċ għall-figura tal-Madonna x'sar mill-wiċċ li kellha l-istatwa qabel? Dan aktarx li kien għall-wiri f'wirja li kienet saret f'Ħal Tarxien fl-1979 fl-okkażjoni taċ-ċentinarju ta' l-ikbar mill-benefatturi tal-Parroċċa Tarxiniża, Dun Ġwann Barbara. Dan il-wiċċ hu konservat fl-Uffiċċju tal-Kappillan f'Ħal Tarxien stess. Meta sar dan ix-xogħol Giuseppe

Calì pittru kif ukoll miss wiċċ l-anġlu. Żdied ukoll ginokjatur għal taħt l-figura tal-Madonna.

Fost l-ewwel xogħlijiet li ħadem M. A. Mangion għall-Knisja tagħna nsibu l-pedestall tal-Lunzjata. Kif jidher minn skrizzjoni li tinsab imħażża fuq ġewwa tal-istess pedestall naraw li dan inħadem minn Mikiel Anġ fl-1884 meta hu kien għad għandu biss 23 sena.

Id-disinn, li huwa neo-klassiku li kien moda dak iż-żmien, huwa attribwit lill-Perit Mikiel Busuttil. X'aktarx li anke l-iskultura ġiet esegwita minn Mikiel Anġ għaliex sa issa ma nstab xejn li juri li kien hemm xi intervent minn xi ħadd ieħor.

Minn ritratt li x'aktarx ittieħed fl-istess żmien juri li l-pedestall kien indurat malli sar. Fl-1940 meta ġie ndurat ġie mogħti ġibs doppju fuq dak li kien hemm, dik id-darba minn Tommaso Bugeja tar-Rabat. Fl-1974 il-pedestall ma ġiex imnaddaf mill-ġibs meta ġie ndurat. Aktar tard fl-1991 reġa' ġie mnaddaf u rtukjat fejn kien hemm bżonn. Kemm il-fatt li kien indurat darbtejn kif ukoll l-interventi li saru fuqu minn żmien għal żmien tellfu l-freskezza ta' l-iskultura u dgħejfu l-induratura. Dan wassal biex jittieħed pass kuraġġjuż u l-pedestall jiġi mnaddaf mill-kisjiet tal-ġibs u jiġi ndurat mill-ġdid.

Wara li saret riċerka biex wieħed ikun jaf minn x'hiex għadda l-pedestall u tqabblu ritratti ma dawk aktar reċenti biex wieħed ikun jista' jiġġudika dak li hemm moħbi taħt il-ġibs saru t-talbiet meħtieġa lill-awtoritajiet ekkleżjastiċi biex ikun jista' jinbeda x-xogħol fis-sena 2003. It-talba kienet akkompanjata minn rapport dettaljat ta' l-iskultur Renzo Gauci u l-induratur John Orlando dwar dak li sabu huma kemm waqt spezzjoni tal-pedestall kif ukoll fil-kuntrasti li għamlu ma' ritratti antiki. Hekk kif l-awtoritajiet taw risposta pożittiva nbeda x-xogħol fuq il-pedestall. Malli l-induratur qaxxar sezzjoni żgħira mill-pedestall dehret skultura fina li t-tgħabija tal-ġibs kienet qed taħbi taħtha. Dan wieħed seta' jarah l-aktar fil-kapitell u l-bażi tal-kolonni. L-istess jista' jingħad għall-iskultura li ddawwar l-iskudetti li hemm fil-panewijiet.

Hawnhekk ta' min jgħid li l-iskudetti huma pittura ta' Ġużeppi Cali u x'aktarx huma l-iżgħar pitturi li qatt għamel dan l-artist. Forsi ta' min jispjega xi jfissru dawn il-pitturi. L-erba' l-kbar huma titli tal-Madonna meħudin mil-litanija. Quddiem insibu "Arka ta' l-Għaqda", wara nsibu "Kewkba tal-Baħar", u fil-ġnub hemm "Bieb tal-Ġenna" u "Torri ta' l-Avorju". L-erba' skudetti ż-żgħar fihom simboli fażijiet li għaddiet minnhom il-Madonna matul ħajjitha. Il-"warda ħamra" tissimbolizza l-imħabba ta' Marija, "ċipressa" n-niket li sofriet minħabba binha, "Iż-żebbuġa tissinifika l-paċi waqt li "l-palma" turi l-martirju sieket ta' Marija taħt is-salib tal-Feddej. Ir-restawr ta' dawn il-pitturi tħalli f'idejn Dun Ġino Gauci. Dan irnexxielu joħroġ minn taħt il-passati tal-verniċ il-kuluri oriġinali li kienu ilhom li ntilfu.

Meta nkixef l-injam instab li f'xi postijiet kien hemm xi ħsara żgħira. It-tiswija ġiet fdata f'idejn Renzo Gauci waqt li John Orlando ħadem b'reqqa kbira biex naddaf il-ġibs kollu biex b'hekk ħareġ kull dettal ta' l-iskultura. Dan ix-xogħol kollu kien lest għall-festa tal-Lunzjata, f'Mejju 2003.

Fl-1885 l-istess Mikiel Ang ħadem il-bradella preżenti tal-Lunzjata . Dan joħroġ mill-iskrizzjoni li hemm imħaffra fil-wiċċ ta' l-istess bradella. Ta' min ifakkar li dan kien Iż-żmien meta l-vara tal-Lunzjata kienet qed tiġi rinovata mill-iskultur Pawlu Bugeja.

Fil-bidu tas-seklu, Mikiel Anġ ħadem il-bankun tal-Lunzjata. Minn ritratti antiki jidher li sa dak iż-żmien il-vara tal-Lunzjata bil-pedestall u l-bradella kienet titpoġġa fuq żewġ bankijiet.

Fl-1928 in-nies ta' Ħal Tarxien bdew jaħsbu biex jirranġaw in-niċċa tal-Lunzjata. Sa dak iż-żmien il-vara kienet tinżamm f'dik li llum hi n-niċċa tad-duluri. Din in-niċċa kellha l-parti ta' fuq magħluqa bi ħġieġ miżbugħ u għalhekk il-

Lunzjata ma kienetx tista titgawda matul is-sena. Min-naħa l-oħra dik li llum hija n-niċċa tal-Lunzjata kienet niċċa mhux fonda u fiha kien hemm in-niċċa tan-Nazarenu fuq il-pedestall tal-ġebel tagħha. Din l-istatwa illum insibuha quddiem il-fonti ta' l-ilma mbierek fil-kappella tal-Qalb ta' Ġesu'. Il-Perit G. Pace ta' Ħaż Żabbar ġie avviċinat biex jagħti l-pariri tiegħu. Anġlu Dalli, bennej tas-sengħa mill-Gudja, għamel ix-xogħol fil-ġebel waqt li Mikiel Ang Mangion ħadem il-bieba tan-niċċa. L-iskultura tan-niċċa saret minn Emmanuel Buhagiar. L-aħħar xogħol li jidher li ħadem Mikiel Anġ jidher li kien il-karru li fuqu kienet titpoġġa l-vara tal-Lunzjata biex din tiddaħħal fin-niċċa. Dan sar fis-sena 1929.

Waqt li Dun Mikiel Vella kien il-prokuratur tal-vara saret speċi ta' tarġa li għolliet il-vara b'4 pulzieri. Din it-tarġa ġiet illustrata kulur skur u tat aspett sinjorili lill-bradella. Fl-1954 kienu żiedu mal-pedestall biċċa DISTANT PIECE biex jagħmlu post għall-fjuri artifiċjali.

Il-vażetti huma tal-fidda u saru fuq disinn ta' Emmanuela Buhagier, waqt il-fjuri artifiċjali saru minn Emmanuel Scicluna li kien joqogħod il-Qrendi. Dawn swew madwar Lm150. Mill-flus li kellha l-vara u mill-oġġetti tal-fidda u deheb kienu għamlu djadema għall-figura Marjana u saret oħra ħafna iżgħar għall-figura ta' l-anġlu. Id-djadema tal-Madonna fiha 12-il stilla. Kull stilla għandha ħaġra prezzjuża. L-anġlu kienu għamlulu par sandli u ġilju. Dawn l-oġġetti huma tad-deheb. Fuq l-anġlu poġġew ħaġra prezzjuża, ftit l-isfel mill-irkoppa.

L-aktar benefattur tal-vara kienet mara, - is-Sinjorina Marija Schembri. Din wegħdet lill-Madonna li jekk id-dar tagħha ma tintmissx matul it-Tieni Gwerra Dinjija, hi tagħti d-deheb tagħha lill-istatwa tal-Lunzjata. Din il-wegħda wettqitha fit-tmiem tal-gwerra. Kien hemm nies oħra li matul is-snin taw ċrieket u affarijiet oħra tad-deheb.

Biex ikun ċelebrat l-erba mitt sena tat-twaqqif tal-parroċċa, fl-1992, sar indurar mill-ġdid ta' l-istatwa. Ix-xogħol sar taħt id-direzzjoni ta' Dun Gino Gauci tal-Kummissjoni Arti Sagra u x-xogħol ta' l-induratura sar minn Pierre Darmanin, waqt il-karnaġġjon sar minn Michael Camilleri Cauchi.

Qabel il-festa ta' l-2004, għeluq il-mija w' ħamsa u sebgħin sena tal-miġja ta' l-istatwa f'Ħal Tarxien, l-istrata tal-ġibs żejjed ġew imneħħija saff saff sakemm instab l-oriġinal. L-istess il-karnaġġjon ġie mneħħi saff saff sakemm instab l-oriġinal u ndurata mill-ġdid mit-Tarxiniżi John Orlando u Renzo Gauci.

**Referenzi**


Artiklu ta' Jos. G. Debono, fil-ħarġa speċjali tal-festa Tarxien sena 1999.

Mill-ktieb ta' E. B. Vella - Storja ta' Ħal Tarxien u Raħal Ġdid -1932.

Mill-ktieb ta' V. Battistino - Ħal Tarxien - 1992.

Leaflet tal-Kunsill Lokali Żejtun - 2001.

Jos. C. Camillieri - In-Nazzjon - 27 ta' Mejju 1995.

Alfred Massa - It-Torċa - 20 ta' Mejju 1979.

Frans Zahra - In-Nazzjon Tagħna - 19 ta' Mejju 1979.

Alfred Massa - Leħen is-Sewwa - 19 ta' Mejju 1979.

Jos. C. Camilleri - Il-Mument - 28 ta' Mejju 2000.

Taurus - Il Mument - 24 ta' Mejju 2003.

Cleavon Vella - Il-Mument - 25 ta' Mejju 2003.

R. Bonnici Calì - In-Nazzjon - 23 ta' Mejju 1996.

R. Bonnici Calì - Fuljett Tarxien - Mejju Gunju - 1979.

F. F Montanaro - Fuljett Tarxien - Ħarġa tal-Festa 1992.

K. Cachia - Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi tagħkom. Vol iii PIN 1994.

Alf Massa - In-Nazzjon 21 ta' Settembru 2002.

Fuljett Tarxien - Ħarġa tal-Festa - 2003.